**Il-Muniti Maltin Definittivi tat-Tieni Serje (bla valuta legali wara l-31 ta' Jannar 2008)**

Fl-1986 Malta ħarġet it-tieni sett tagħha tal-muniti deċimali. Fuq dawn il-muniti jidhru eżempji tal-flora u tal-fawna Maltija u l-arma tar-Repubblika ta' Malta fuq wara. Fl-1991 imbagħad inħarġet verżjoni ġdida ta' dawn il-muniti bl-Arma l-ġdida ta' Malta.

Meta Malta ssieħbet fiż-żona tal-euro u adottat l-euro bħala l-flus tagħha fl-1 ta' Jannar 2008, il-muniti euro ħadu post il-muniti deċimali Maltin, li iżda baqgħu valuta legali sal-31 ta' Jannar 2008. Il-muniti Maltin baqgħu jissarrfu f'euro fil-Bank Ċentrali ta' Malta sal-1 ta' Frar 2010.

Dawn li ġejjin huma x-xbihat u l-karatteristiċi tal-muniti deċimali Maltin li kienu fiċ-ċirkulazzjoni sa Jannar tal-2008.




Lm1

Fuq in-naħa ta' wara jidher il-Merill, l-għasfur nazzjonali ta' Malta, li jinstab l-aktar fl-irdumijiet ta' mal-baħar, u fil-widien. Il-munita għandha l-kitba mad-dawra tagħha, u hi magħmula min-nikil pur. Hi tiżen 13g,u għandha dijametru ta' 29.82mm.




50 Ċenteżmu

Fuq il-munita tidher it-Tulliera, li hi xitla li tħaddar is-sena kollha li tikber fl-artijiet tal-Mediterran, speċjalment fix-xlokk ta' l-Ewropa. Din il-munita hi magħmula mir-ram u min-nikel u tiżen 8g u għandha dijametru ta' 27.00mm. Hemm il-kitba mad-dawra tagħha.




25 Ċenteżmu

Fuq wara tidher il-Girlanda, li hi eżempju sabiħ tal-flora Maltija, u li hi xitla rari fil-Gżejjer Maltin. Ix-xifer tal-munita hu magħmul minn żibeġ stampat 'il ġewwa.




10 Ċenteżmi

Fuq din il-munita tidher il-Lampuka, li hi ħuta tradizzjonalment popolari fost il-Maltin u li jinqabdu ħafna minnha fl-ibħra tal-madwar. Din il-munita tiżen 5.01g u l-qies tad-dijametru tagħha hu ta' 21.78mm. Hi

Hi tiżen 6.19g u għandha dijametru ta’ 24.95mm. Hi magħmula mir-ram u n-nikil.

għandha x-xifer stampat bil-kurdun.



5 Ċenteżmi

Fuq wara jidher il-granċ ta’ l-ilma ħelu magħruf bħala l-Qobru, li jinstab fuq xi ftit gżejjer tal-Mediterran fost-hom Malta. Hu jiekol bosta ħlejqiet bħaż-żrinġijiet u mrieżeb. Il-munita tiżen 3.51g u d-dijametru tagħha hu twil 19.78mm. Hi magħmula mir-ram u n-nikil u għandha xifer stampat bil-kurdun



2 Ċenteżmi

Din il-munita turi fergħa taż-Żebbuġ, li hi siġra ta’ għomor twil ħafna li tikber sa 15-il metru, u li għandha r-ras  u z-zokk wesgħin ħafna, għalkemm kultant tkun qisha arbuxell. Din is-siġra hi siġra tipika tal-flora Mediterranja. Il-munita hi magħmula mir-ram u n-nikil u tiżen 2.26g, b’dijametru ta’ 17.78mm Ix-xifer tagħha hu stampat bil-kurdun.



1 Ċenteżmu

Il-munita turi fuqha l-Ballottra, li hi ħlejqa ta’ bil-lejl li tiekol ħlejqiet żgħar bħal żrinġijiet, annimali li jgerrmu bħall-firien u ġrieden, gremxul, friegħ ta’ l-għasafar u fniek żgħar. Il-munita hi magħmula mir-ram u ż-żingu b’persentaġġ żgħir ta’ nikil. Tiżen 2.81g b’dijametru ta’ 18.51mm, b’xifer lixx.